

# GWIDA GĦALL-UTENT

Dan id-dokument huwa intiż għall-utenti tal-applikazzjoni e-Curia li jixtiequ jiskambjaw atti proċedurali b'mod elettroniku mar-Reġistri tal-qrati li jifformaw il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

**Verżjoni 3**

# WERREJ


**1 Introduzzjoni ........ 1**

1.1 Prerekwiżiti ........ 1

1.2 Kif għandek tirrapporta problema eventwali? ........ 1

**2 Funzjonalitajiet ewlenin ........ 2**

2.1 Talba għall-ftuħ ta' kont ........ 2

*2.1.1 Ksib ta' kont ........ 2*

*2.1.2 Proċedura normali ........ 4*

*2.1.3 Proċedura speċifika (Il-Qorti Ġenerali biss) ........ 6*

2.2 Konnessjoni fl-applikazzjoni e-Curia ........ 8

2.3 Preżentata ta' atti proċedurali ........ 9

*2.3.1 Kif tippreżenta att ........ 9*

*2.3.2 Preparazzjoni ta' preżentata minn assistent ........ 12*

*2.3.3 Validazzjoni tal-preżentati ppreparati ........ 14*

2.4 Preżentata ta' elementi addizzjonali għall-att proċedurali ........ 15

*2.4.1 Preżentata ta' elementi addizzjonali li jinkludu dokumenti formali ........ 15*

*2.4.2 Preżentata ta' elementi addizzjonali għat-talba għal trattament kunfidenzjali ........ 15*

*2.4.3 Preżentata ta' elementi addizzjonali għat-talba għal proċedura mħaffa ........ 15*

2.5 Riċezzjoni ta' notifika ........ 16

**3 Kontijiet ta' assistenti ........ 18**

3.1 Ġestjoni tal-kontijiet ta' assistenti ........ 18

3.2 Funzjonalitajiet tal-kontijiet ta' assistenti ........ 20

*3.2.1 Preparazzjoni ta' preżentata ........ 20*

*3.2.2 Konsultazzjoni tal-lista tad-dokumenti ppreżentati preċedentement ........ 20*

*3.2.3 Riċezzjoni ta' notifiki ........ 20*

*3.2.4 Konsultazzjoni tal-lista tad-dokumenti rċevuti preċedentement ........ 20*

**4 Funzjonalitajiet supplimentari ........ 21**

4.1 Konsultazzjoni tal-lista tad-dokumenti ppreżentati preċedentement ........ 21

4.2 Konsultazzjoni tal-lista tad-dokumenti rċevuti preċedentement ........ 23

4.3 Bdil tal-password ........ 24

4.4 Bidla tad-dettalji personali tiegħi ........ 25

4.5 Fajl XML għall-alimentazzjoni ta' sistemi terzi ........ 26

# 1 INTRODUZZJONI

## 1.1 PREREKWIŻITI

Il-prerekwiżiti sabiex taċċedi għall-applikazzjoni e-Curia huma li jkollok konnessjoni mal-internet kif ukoll indirizz tal-posta elettronika validu.

Sabiex tagħmel użu sħiħ minn din l-applikazzjoni, irid ikollok kont ta' aċċess mogħti jew ivvalidat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. B'dan il-kont, tkun tista':

- tippreżenta u tirċievi atti proċedurali b'mod elettroniku;
- tikkonsulta l-lista ta' azzjonijiet imwettqa preċedentement;
- tibdel id-dettalji personali tiegħek (indirizz tal-posta elettronika, password, etc.);
- tirreġistra assistent wieħed jew iktar.

Karatteristiċi speċifiċi għall-Qorti Ġenerali: F'sitwazzjoni mmexxija minn urġenza, huwa possibbli li tikseb il-ftuħ provviżorju ta' kont għall-preżentata ta' atti proċedurali quddiem il-Qorti Ġenerali biss. Dan il-kont għandu jiġi vvalidat skont il-modalitajiet spjegati hawn taħt. Il-ftuħ provviżorju ta' kont ma jippermettix li tirreġistra assistent wieħed jew iktar. Din il-funzjonalità tkun disponibbli wara l-validazzjoni tal-kont mill-Qorti Ġenerali.

e-Curia hija aċċessibbli bl-internet fl-indirizz: https://curia.europa.eu/e-Curia




## 1.2 KIF GĦANDEK TIRRAPPORTA PROBLEMA EVENTWALI?

Fil-każ ta' problema, tista' tikkuntattja d-dipartiment tagħna li joffri għajnuna lill-utenti billi tuża l-formola ta' kuntatt disponibbli fl-applikazzjoni.

# 2 FUNZJONALITAJIET EWLENIN

## 2.1 TALBA GĦALL-FTUĦ TA' KONT

### 2.1.1 Ksib ta' kont

Il-modalitajiet ta' ftuħ ta' kont ivarjaw skont jekk il-proċedura segwita mill-utent hijiex dik normali jew inkella dik speċifika.

Il-proċedura normali tippermetti li jinfetaħ kont għall-iskambju ta' atti proċedurali mal-Qorti tal-Ġustizzja jew mal-Qorti Ġenerali. Din il-proċedura hija miftuħa għal rappreżentant ta' parti (kont "rappreżentant"), jew, fil-kuntest ta' talba għal deċiżjoni preliminari, għal persuna li taġixxi f'isem qorti ta' Stat Membru jew ta' Stat terz awtorizzata li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (kont "qorti"), jew persuna awtorizzata, bis-saħħa tar-regoli tal-proċedura nazzjonali, sabiex tkun tista' tirrappreżenta lilha nnifisha jew tirrappreżenta parti quddiem il-qorti tar-rinviju (kont "persuna awtorizzata"). L-ipproċessar ta' din it-talba tieħu ftit jiem u inti tiġi informat permezz ta' messaġġ elettroniku dwar l-eżitu tat-talba tiegħek.

Il-proċedura speċifika hija intiża li tirregola sitwazzjoni mmexxija minn urġenza u tippermetti li jinkiseb il-ftuħ provviżorju ta' kont għall-preżentata ta' atti proċedurali quddiem il-Qorti Ġenerali biss.

| | **Proċedura normali** (Talba għall-ftuħ ta' kont) | | **Proċedura speċifika** (Ftuħ provviżorju ta' kont għall-preżentata immedjata ta' atti proċedurali) | |
|---|---|---|---|---|
| **Kwalità \ Qorti** | **Il-Qorti tal-Ġustizzja** | **Il-Qorti Ġenerali** | **Il-Qorti tal-Ġustizzja** | **Il-Qorti Ġenerali** |
| **Rappreżentant:**<br>**- Avukat**<br>**- Aġent**<br>**- Professur** | Iva | Iva | Le | Iva |
| **Persuna li ma jkollhiex il-kwalità ta' aġent jew ta' avukat, iżda li, bis-saħħa tar-regoli tal-proċedura nazzjonali, tkun madankollu awtorizzata tirrappreżenta lilha nnifisha jew tirrappreżenta parti quddiem il-qorti tar-rinviju fil-kuntest ta' proċedura għal deċiżjoni preliminari** | Iva | Iva | Le | Le |
| **Persuna li tkun qiegħda taġixxi f'isem qorti ta' Stat Membru jew ta' Stat terz awtorizzata li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja** | Iva | Iva | Le | Le |

**Tabella sommarja tal-kontijiet li jawtorizzaw l-preżentata ta' atti proċedurali quddiem qorti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont il-proċedura normali jew il-proċedura speċifika**

- Fuq l-iscreen prinċipali, agħżel il-lingwa li tippreferi. 1
- Wara kklikkja fuq il-link "**ikklikkja hawn**". 2
- Segwi l-istruzzjonijiet li jidhru fuq l-iscreen. 3






| | |
|---|---|
| **Proċedura normali** | Il-proċedura normali tippermetti li jinfetaħ kont għall-iskambju ta' atti proċedurali mal-Qorti tal-Ġustizzja jew mal-Qorti Ġenerali. Din il-proċedura hija miftuħa għal rappreżentant ta' parti (kont "rappreżentant"), jew, fil-kuntest ta' talba għal deċiżjoni preliminari, għal persuna li taġixxi f'isem qorti ta' Stat Membru jew ta' Stat terz awtorizzata li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (kont "qorti"), jew persuna awtorizzata, bis-saħħa tar-regoli tal-proċedura nazzjonali, sabiex tkun tista' tirrappreżenta lilha nnifisha jew tirrappreżenta parti quddiem il-qorti tar-rinviju (kont "persuna awtorizzata"). L-ipproċessar ta' din it-talba tiegħu ftit jiem u inti tiġi informat permezz ta' messaġġ elettroniku dwar l-eżitu tat-talba tiegħek.<br>**Talba għall-ftuħ ta' kont** |
| **Proċedura speċifika**<br>**(Il-Qorti Ġenerali biss)** | Fil-każ li ma tkunx ħadt il-passi neċessarji għall-ftuħ ta' kont skont il-proċedura normali fiż-żmien previst, qabel l-iskadenza tat-terminu previst għall-preżentata ta' att proċedurali quddiem il-Qorti Ġenerali, huwa possibbli li tiftaħ kont provviżorju għall-preżentata skont il-proċedura speċifika.<br>Din il-proċedura hija riżervata għall-persuni awtorizzati jirrappreżentaw parti quddiem il-Qorti Ġenerali, konformement mal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.<br>**Ftuħ ta' kont provviżorju** |

## 2.1.2 Proċedura normali 1

Sabiex jintużaw l-applikazzjonijiet tal-e-Curia, it-talba għall-ftuħ ta' kont għandha tiġi ppreżentata konformement mal-modalitajiet stabbiliti hawn isfel.

Il-modalitajiet ta' ftuħ ta' kont ivarjaw skont jekk l-utent jużax il-proċedura normali jew il-proċedura speċifika. Il-proċedura normali tippermetti l-ftuħ ta' kont intiż għall-iskambju ta' atti proċedurali mal-Qorti tal-Ġustizzja jew mal-Qorti Ġenerali. Il-proċedura speċifika hija intiża li tirregola sitwazzjonijiet ta' urġenza u tippermetti l-ftuħ ta' kont provviżorju intiż għall-preżentata ta' atti proċedurali quddiem il-Qorti Ġenerali biss.

1

| | |
|---|---|
| **Proċedura normali** | Il-proċedura normali tippermetti li jinfetaħ kont għall-iskambju ta' atti proċedurali mal-Qorti tal-Ġustizzja jew mal-Qorti Ġenerali. Din il-proċedura hija miftuħa għal rappreżentant ta' parti (kont "rappreżentant"), jew, fil-kuntest ta' talba għal deċiżjoni preliminari, għal persuna li taġixxi f'isem qorti ta' Stat Membru jew ta' Stat terz awtorizzata li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (kont "qorti"), jew persuna awtorizzata, bis-saħħa tar-regoli tal-proċedura nazzjonali, sabiex tkun tista' tirrappreżenta lilha nnifisha jew tirrappreżenta parti quddiem il-qorti tar-rinviju (kont "persuna awtorizzata"). L-ipproċessar ta' din it-talba tieħu ftit jiem u inti tiġi informat permezz ta' messaġġ elettroniku dwar l-eżitu tat-talba tiegħek.<br>**Talba għall-ftuħ ta' kont** |
| **Proċedura speċifika**<br>**(Il-Qorti Ġenerali biss)** | Fil-każ li ma tkunx ħadt il-passi neċessarji għall-ftuħ ta' kont skont il-proċedura normali fiż-żmien previst, qabel l-iskadenza tat-terminu previst għall-preżentata ta' att proċedurali quddiem il-Qorti Ġenerali, huwa possibbli li tiftaħ kont provviżorju għall-preżentata skont il-proċedura speċifika.<br><br>Din il-proċedura hija riżervata għall-persuni awtorizzati jirrappreżentaw parti quddiem il-Qorti Ġenerali, konformement mal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.<br>**Ftuħ ta' kont provviżorju** |

Il-proċedura normali tippermettilek titlob il-ħolqien ta' kont.

- Ikklikkja fuq il-buttuna "**Talba għall-ftuħ ta' kont**". **Talba għall-ftuħ ta' kont**

- Għandek tindika b'mod komplet l-identità tiegħek. 2




- Ikklikkja fuq il-buttuna **Il-pass li jmiss** .

- Għandek tindika b'mod komplet id-dettalji personali tiegħek. 3




- Ikklikkja fuq il-buttuna **Il-pass li jmiss** .

- Jekk ikun meħtieġ, għandek tindika informazzjoni supplimentari. 4




- Ikklikkja fuq il-buttuna **Il-pass li jmiss** .

- Ħu nota tal-Kundizzjonijiet ta’ użu tal-applikazzjoni.




- Immarka l-kaxxa wara li tkun ħadt nota tal-Kundizzjonijiet ta’ użu. 5
- Ivvalida t-talba tiegħek billi tikklikkja fuq il-buttuna Ivvalida.

- Ladarba ddaħħal l-informazzjoni kollha, tintbagħatlek bil-posta elettronika formola ta’ talba għal ftuħ ta’ kont diġà mimlija.
- Din il-formola għandha timtela, tiġi ddatata u ffirmata, u mbagħad tippreżentaha fiżikament jew tibgħatha lir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali b’mezz elettroniku jew bil-posta, flimkien mad-dokumenti ta’ sostenn neċessarji.
- Kull talba għal aċċess tiġi vverifikata mir-Reġistri. It-talba għal aċċess ma twassalx immedjatament għall-ftuħ ta’ kont ta’ aċċess. Dan tal-aħħar jista’ jieħu diversi ġranet. Fil-każ li t-talba tiegħek tiġi aċċettata, jintbagħatlek kodiċi ta’ identifikazzjoni u password temporanja permezz ta’ żewġ messaġġi elettroniċi separati.

## 2.1.3 Proċedura speċifika (Il-Qorti Ġenerali biss) 1

Fil-każ li ma tkunx ħadt il-passi neċessarji għall-ftuħ ta' kont skont il-proċedura normali fiż-żmien previst, qabel l-iskadenza tat-terminu previst għall-preżentata ta' att proċedurali quddiem il-Qorti Ġenerali, huwa possibbli li tiftaħ kont provviżorju għall-preżentata skont il-proċedura speċifika.



Sabiex jintużaw l-applikazzjonijiet tal-e-Curia, it-talba għall-ftuħ ta' kont għandha tiġi ppreżentata konformement mal-modalitajiet stabbiliti hawn isfel.

Il-modalitajiet ta' ftuħ ta' kont ivarjaw skont jekk l-utent jużax il-proċedura normali jew il-proċedura speċifika. Il-proċedura normali tippermetti l-ftuħ ta' kont intiż għall-iskambju ta' atti proċedurali mal-Qorti tal-Ġustizzja jew mal-Qorti Ġenerali. Il-proċedura speċifika hija intiża li tirregola sitwazzjonijiet ta' urġenza u tippermetti l-ftuħ ta' kont provviżorju intiż għall-preżentata ta' atti proċedurali quddiem il-Qorti Ġenerali biss.

| | |
|---|---|
| **Proċedura normali** | Il-proċedura normali tippermetti li jinfetaħ kont għall-iskambju ta' atti proċedurali mal-Qorti tal-Ġustizzja jew mal-Qorti Ġenerali. Din il-proċedura hija miftuħa għal rappreżentant ta' parti (kont "rappreżentant"), jew, fil-kuntest ta' talba għal deċiżjoni preliminari, għal persuna li taġixxi f'isem qorti ta' Stat Membru jew ta' Stat terz awtorizzata li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (kont "qorti"), jew persuna awtorizzata, bis-saħħa tar-regoli tal-proċedura nazzjonali, sabiex tkun tista' tirrappreżenta lilha nnifisha jew tirrappreżenta parti quddiem il-qorti tar-rinviju (kont "persuna awtorizzata"). L-ipproċessar ta' din it-talba tieħu ftit jiem u inti tiġi informat permezz ta' messaġġ elettroniku dwar l-eżitu tat-talba tiegħek.<br>Talba għall-ftuħ ta' kont |
| 1 **Proċedura speċifika (Il-Qorti Ġenerali biss)** | Fil-każ li ma tkunx ħadt il-passi neċessarji għall-ftuħ ta' kont skont il-proċedura normali fiż-żmien previst, qabel l-iskadenza tat-terminu previst għall-preżentata ta' att proċedurali quddiem il-Qorti Ġenerali, huwa possibbli li tiftaħ kont provviżorju għall-preżentata skont il-proċedura speċifika.<br>Din il-proċedura hija rriżervata għall-persuni awtorizzati jirrappreżentaw parti quddiem il-Qorti Ġenerali, konformement mal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.<br>Ftuħ ta' kont provviżorju |

- Ikklikkja fuq il-buttuna "**Ftuħ ta' kont provviżorju**".




- Għandek tindika b'mod komplet l-identità tiegħek. 2




- Ikklikkja fuq il-buttuna **Il-pass li jmiss**.

- Għandek tindika b'mod komplet id-dettalji personali tiegħek. 3




- Ikklikkja fuq il-buttuna **Il-pass li jmiss**.

- Jekk ikun meħtieġ, għandek tindika informazzjoni supplimentari. 4




- Ikklikkja fuq il-buttuna **Il-pass li jmiss**.

- Agħżel il-password tiegħek, daħħal mistoqsija personali u pprovdi tweġiba. 5
- Ikklikkja fuq il-buttuna **Il-pass li jmiss** .




- Ħu nota tal-Kundizzjonijiet ta' użu tal-applikazzjoni.
- Immarka l-kaxxa wara li tkun ħadt nota tal-Kundizzjonijiet ta' użu. 6
- Imla' l-karattri indikati. 7
- Ivvalida t-talba tiegħek **Ivvalida** .




- Ladarba ddaħħal l-informazzjoni kollha, ser tirċievi fl-indirizz tal-posta elettronika tiegħek messaġġ elettroniku li fih link li jippermettilek tattiva l-kont tiegħek. Għandek 24 siegħa sabiex twettaq din l-operazzjoni.
- Wara li tkun attivajt il-kont tiegħek, tista' taċċedi għal e-Curia u tissokta bil-preżentata tal-att proċedurali tiegħek fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali. Din il-preżentata għandha ssir mhux iktar tard minn 48 siegħa wara l-attivazzjoni tal-kont tiegħek u, fi kwalunkwe każ, qabel l-iskadenza tat-terminu previst għall-preżentata tal-att proċedurali kkonċernat. Fil-każ li ma ssir ebda preżentata matul it-48 siegħa wara l-attivazzjoni tal-kont tiegħek, dan jitneħħa awtomatikament.
- Wara l-preżentata tal-att proċedurali tiegħek, inti tista' taċċedi għall-formola tat-talba għall-ftuħ ta' kont e-Curia. Din il-formola għandha tiġi ddatata, iffirmata u għandha tasal fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, flimkien mad-dokumenti ta' sostenn neċessarji. Jekk il-formola debitament mimlija, datata, iffirmata u akkumpanjata bid-dokumenti ta' sostenn neċessarji ma tasalx fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fi żmien għaxart ijiem mill-preżentata tal-att proċedurali permezz tal-e-Curia, il-Qorti Ġenerali għandha tiddikjara l-att proċedurali ppreżentat permezz tal-e-Curia inammissibbli. Dan it-terminu ma jistax jiġi estiż u t-terminu fiss għal raġuni ta' distanza previst fl-Artikolu 60 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali ma huwiex applikabbli.

## 2.2 KONNESSJONI FL-APPLIKAZZJONI E-CURIA

Sabiex tidħol fl-e-Curia:

- Daħħal il-kodiċi ta' identifikazzjoni. 1
- Daħħal il-password. 2
- Ikklikkja fuq **Idħol fil-kont tiegħek**, jew agħfas "**Enter**" fuq it-tastiera. 3




✅ Jekk inti ftaħt kont skont il-proċedura normali, ser tintalab tibdel il-password inizjali tiegħek meta tidħol għall-ewwel darba fl-applikazzjoni e-Curia.

- B'dan il-mod tasal għall-paġna prinċipali tal-applikazzjoni.
- Din hija komposta minn menù 4, parti ċentrali, 5 kif ukoll lista tal-aħħar 10 azzjonijiet imwettqa matul l-aħħar 30 jum. 6




Wara kull darba li tuża l-e-Curia, huwa rrakkomandat li toħroġ mill-applikazzjoni billi tikklikkja fuq Oħroġ mill-kont tiegħek fil-menù fuq ix-xellug, jew billi tikklikkja fuq il-buttuna ✖ li tinsab fuq il-lemin tal-parti ta' fuq tal-iscreen.

## 2.3 PREŻENTATA TA' ATTI PROĊEDURALI

### 2.3.1 Kif tippreżenta att

- Qabel ma tippreżenta att proċedurali, għandek tipprepara fuq il-kompjuter tiegħek il-fajls kollha li jifformaw il-preżentata.
- Il-fajls għandhom ikunu fil-format PDF (immaġni u test) u l-ebda fajl ma jista' jeċċedi 30 Mb.
- Tista' tippreżenta sa 50 fajl bl-annessi.

L-att proċedurali għandu josserva r-Regoli tal-Proċedura fis-seħħ quddiem il-qorti li quddiemha l-att ikun qed jiġi ppreżentat.

It-testi li jirregolaw il-proċedura jistgħu jiġu kkonsultati fis-sit Curia (https://curia.europa.eu).

Pariri prattiċi:

- Kull fajl għandu jkollu formulazzjoni ċara u jidentifika l-att ippreżentat (Att proċedurali, Annessi parti 1, Annessi parti 2, Ittra ta' motivazzjoni, etc.).
- Ma huwiex neċessarju li l-att proċedurali jkollu firma bl-idejn. Huwa rrakkomandat li jinħoloq fajl PDF billi tissejvja direttament id-dokument f'dan il-format permezz tas-softwer tiegħek għall-word processing. Sa fejn possibbli għandu jiġi evitat l-iskannjar ta' dokument stampat.
- L-att proċedurali għandu jinkludi l-iskeda li telenka l-annessi.
- L-annessi għandhom jinsabu fi fajl jew fajls separati mill-fajl li fih l-att proċedurali. Fajl wieħed jista' jkollu diversi annessi u għalhekk ma huwiex obbligatorju li jinħoloq fajl għal kull anness. F'dan il-każ, huwa rrakkomandat li tinħoloq bookmark għal kull anness fil-fajl PDF.

| |
|---|
| Bookmark hija referenza miżjuda f'fajl PDF, li tippermetti li wieħed jaċċedi faċilment għal parti speċifika tad-dokument. Il-bookmarks jistgħu jinħolqu b'mod awtomatiku minn bosta programmi għall-ħolqien ta' PDF, abbażi tal-istruttura interna ta' dokument strutturat (werrej) jew abbażi tal-isem tal-fajl fil-mument li fih diversi fajls jingħaqdu f'fajl PDF wieħed. |

Sabiex tippreżenta att proċedurali:

- Fil-menù "**Azzjonijiet**". 1
- Ikklikkja fuq "**Ippreżenta att**". 2



- Jekk il-kont tiegħek jippermettilek tagħżel, agħżel il-qorti fejn l-att għandu jiġi ppreżentat. 1
- Agħżel it-tip ta' att proċedurali mil-lista li tinfetaħ. 2
- Fil-każ ta' preżentata ta' att f'kawża pendenti, daħħal in-numru tal-kawża kkonċernata. 3
    - Fil-każ ta' kawżi magħquda, tista' tindika numru wieħed biss għall-kawżi kollha magħquda.




- Daħħal isem il-parti li f'isimha l-att ikun qed jiġi ppreżentat (entrata mhux obbligatorja). 4
- Agħżel il-lingwa li biha l-att ippreżentat huwa redatt. 5
- Ikklikkja fuq **Li jmiss** sabiex tkompli bil-preżentata jew fuq **Ikkanċella** sabiex tmur lura għall-paġna prinċipali. 6

Din l-informazzjoni tippermetti lir-Reġistru jwettaq trattament preliminari tal-att. Madankollu, għall-finijiet tal-inklużjoni tal-att fil-proċess tal-kawża, jittieħed inkunsiderazzjoni biss il-kontenut tal-fajls li jikkostitwixxu l-att.

Screen għall-għażla tal-fajls jippermetti li tkompli bil-preżentata:

- Ikklikkja fuq il-buttuna "**Fittex…**" u agħżel il-fajl PDF fil-kompjuter tiegħek li fih l-att proċedurali. 7
- Minbarra l-att proċedurali, huwa possibbli li żżid fajls bl-annessi billi tikklikkja fuq "**Biex iżżid fajl bl-annessi, ikklikkja hawn …**". 8




- Ladarba ttrasferit, id-dokument jidher taħt il-buttuna "**Fittex…**". 9
- Jekk tixtieq temendah, għandek tikklikkja fuq "**Ħassar**" u terġa' tibda mill-ġdid. 10
- Ikklikkja fuq **Li jmiss** sabiex tkompli bil-preżentata, fuq **Preċedenti** sabiex tmur lura għall-istadju ta' identifikazzjoni tal-att jew fuq **Ikkanċella** sabiex tmur lura għall-paġna prinċipali. 11



Ladarba jintgħażlu l-fajls kollha (att proċedurali, annessi eventwali u ittra ta' motivazzjoni), jidher l-iscreen ta' validazzjoni. Dan jiġbor fil-qosor l-informazzjoni kollha mogħtija preċedentement u jintuża kif ġej:




- Billi tikklikkja fuq isem l-att, huwa possibbli tara u tivverifika l-fajls. 1
- Tista' tara informazzjoni addizzjonali (id-daqs tal-fajl, in-numru ta' paġni, is-sensiela unika ta' karattri (hash)) billi tikklikkja fuq is-simbolu ⊞ li jinsab quddiem isem l-att. 2




- Daħħal il-password tiegħek (fil-każ li l-preżentata tkun ġiet ippreparata minn assistent, irreferi għall-punt "**Validazzjoni tal-preżentati ppreparati**" paġna 14). 3
- Ikklikkja fuq **Ivvalida** sabiex tkompli bil-preżentata, fuq **Preċedenti** sabiex tmur lura għall-istadju ta' identifikazzjoni tal-att jew fuq **Ikkanċella** sabiex tmur lura għall-paġna prinċipali. 4

Ladarba vvalidata, il-preżentata tiġi rreġistrata mill-applikazzjoni u fuq l-iscreen tidher paġna ta' informazzjoni fil-qosor. Din il-paġna tintbagħat bil-posta elettronika lir-rappreżentant u lill-assistent, fil-każ li dan tal-aħħar ikun ipprepara l-preżentata (ara "**Preparazzjoni ta' preżentata minn assistent**" paġna 12), u tista' tiġi ssejvjata billi tikklikkja fuq il-buttuna . **Issejvja** 5




- Id-data tal-preżentata li tittieħed inkunsiderazzjoni hija d-data tal-validazzjoni tal-preżentata.
- Il-ħin li jittieħed inkunsiderazzjoni huwa dak tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

### 2.3.2 Preparazzjoni ta' preżentata minn assistent

Assistent jista' jipprepara preżentata f'isem ir-rappreżentant. Din il-preparazzjoni ta' preżentata għandha tiġi vvalidata mir-rappreżentant. Preżentata li ma tiġix ivvalidata fi żmien 48 siegħa titħassar mil-lista tad-dokumenti li jkunu għadhom iridu jiġu vvalidati.

Il-proċess ta' preparazzjoni huwa simili għal dak segwit fil-każ ta' preżentata ta' att, bl-eċċezzjoni tal-paġna ta' validazzjoni.

Sabiex tipprepara preżentata:

Fil-menù "**Azzjonijiet**". 1




- Ikklikkja fuq "**Ipprepara preżentata**". 2
- Ipproċedi bl-istess mod bħal fil-każ ta' preżentata normali sal-istadju ta' validazzjoni.
- F'din il-paġna, agħżel ir-rappreżentant li f'ismu tkun qed tiġi ppreparata l-preżentata. 3
- Ikklikkja fuq Irreġistra . 4




- F'dan l-istadju, il-preżentata ma tittiħidx inkunsiderazzjoni mir-Reġistru.
- Il-preżentata ssir valida biss wara validazzjoni mir-rappreżentant ikkonċernat.
- Id-data tal-preżentata li tittieħed inkunsiderazzjoni hija d-data tal-validazzjoni tal-preżentata.
- Il-ħin li jittieħed inkunsiderazzjoni huwa dak tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

L-assistent għandu aċċess għal screen fejn jista' jara l-preżentati ppreparati li jkunu għad iridu jiġu vvalidati.

- Fil-menù "**Azzjonijiet**". 1
- Ikklikkja fuq il-link "**Preżentata ppreparata li għad trid tiġi vvalidata**". 2




- L-iscreen juri l-preżentati ppreparati li jkunu għad iridu jiġu vvalidati.
- Jintwerew ir-referenza tal-preżentata, il-kawża, it-tip ta' att, id-data tal-preparazzjoni kif ukoll ir-rappreżentant inkarigat bil-validazzjoni.
- L-għażla ssir skont id-data ta' reġistrazzjoni (mill-iktar antik sal-iktar reċenti).




- Ma huwiex possibbli għall-assistent li jħassar preżentata ppreparata.
- Sabiex jiġi korrett żball eventwali, għandha tiġi ppreparata preżentata ġdida.
- Il-preparazzjoni tal-preżentata żbaljata tiġi mħassra awtomatikament wara 48 siegħa, bil-kundizzjoni li l-preżentata ma tkunx ġiet ivvalidata mir-rappreżentant.

### 2.3.3 Validazzjoni tal-preżentati ppreparati

Ir-rappreżentanti għandhom aċċess għal screen fejn jistgħu jaraw il-preżentati ppreparati li jkunu għad iridu jiġu vvalidati minnhom.

- Fil-menù "**Azzjonijiet**". 1
- Ikklikkja fuq il-link "**Preżentata ppreparata li għad trid tiġi vvalidata**". 2




- L-iscreen juri l-preżentati ppreparati li jkunu għad iridu jiġu vvalidati.
- Jintwerew ir-referenza tal-preżentata, il-kawża, it-tip ta' att, id-data tal-preparazzjoni kif ukoll l-identità tal-assistent li jkun ipprepara l-preżentata.
- L-għażla ssir skont id-data ta' reġistrazzjoni (mill-iktar antik sal-iktar reċenti).
- L-ikona tippermetti li taċċedi għall-iscreen ta' validazzjoni. 3




- L-iscreen ta' validazzjoni huwa l-iscreen ta' validazzjoni ta' preżentata normali.
- Ir-rappreżentant jista' jivverifika l-informazzjoni ta' identifikazzjoni u l-fajls, u jemenda eventwalment il-preżentata qabel il-validazzjoni tagħha.




- 48 siegħa wara l-preparazzjoni, preżentata mhux ivvalidata titħassar.
- Il-preżentata ma tibqax tidher fil-lista tal-preżentati ppreparati li jkunu għad iridu jiġu vvalidati.
- Dan it-terminu huwa intiż li jillimita l-volum ta' fajls maħżuna fis-sistema.
- Id-data tal-preżentata li tittieħed inkunsiderazzjoni hija d-data tal-validazzjoni tal-preżentata.
- Il-ħin li jittieħed inkunsiderazzjoni huwa dak tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

## 2.4 PREŻENTATA TA' ELEMENTI ADDIZZJONALI GĦALL-ATT PROĊEDURALI

Dan il-kapitolu jittratta l-preżentata ta' ċerti elementi addizzjonali għall-att proċedurali

### 2.4.1 Preżentata ta' elementi addizzjonali li jinkludu dokumenti formali

Għal ċerti atti proċedurali, l-iscreen hawn taħt joffri l-possibbiltà li jiġu ppreżentati dokumenti formali (dokumenti li jiċċertifikaw li l-avukat huwa awtorizzat jipprattika bħala avukat, prova tal-eżistenza ġuridika tal-persuna ġuridika rregolata mid-dritt privat, mandat, prova li l-mandat ingħata regolarment).

Meta din il-possibbiltà ma tkunx disponibbli, id-dokumenti formali jistgħu jiġu ppreżentati bl-użu tal-kategorija "**Att proċedurali ieħor**" jew bħala anness għall-preżentata prinċipali.

Dan l-iscreen għall-għażla ta' fajls jaħdem skont l-istess prinċipji bħal dawk applikabbli għall-għażla tal-att proċedurali.

Minbarra l-att proċedurali, huwa possibbli li żżid dokumenti formali billi tikklikkja fuq il-buttuna "**Fittex ...**". 1




### 2.4.2 Preżentata ta' elementi addizzjonali għat-talba għal trattament kunfidenzjali

Fil-każ fejn l-att proċedurali jkun talba għal trattament kunfidenzjali quddiem il-Qorti Ġenerali, l-iscreen hawn taħt jippermetti li żżid eventwalment elementi li jirrigwardaw speċifikament din it-tip ta' preżentata:

- Ikklikkja fuq il-buttuna "**Fittex...**" u agħżel il-fajls PDF li fihom il-verżjoni mhux kunfidenzjali tan-nota u tal-annessi tiegħu, li tkun ser tiġi mehmuża mat-talba għal trattament kunfidenzj 2
- Sabiex iżżid verżjoni mhux kunfidenzjali waħda jew iktar ta' atti oħra, ikklikkja fuq l-buttuna **Ippreżenta verżjoni mhux kunfidenzjali supplimentari** fil-qiegħ tal-iscreen. 3




### 2.4.3 Preżentata ta' elementi addizzjonali għat-talba għal proċedura mħaffa

Fil-każ fejn l-att proċedurali jkun talba għal proċedura mħaffa, l-iscreen hawn taħt jippermetti li żżid eventwalment elementi li jirrigwardaw speċifikament din it-tip ta' preżentata.

- Ikklikkja fuq il-buttuna "**Fittex...**" 4 u agħżel il-fajls PDF li fihom il-verżjoni mqassra tar-rikors u tal-annessi tiegħu 5, li tkun ser tiġi mehmuża mat-talba għal proċedura mħaffa.



## 2.5 RIĊEZZJONI TA' NOTIFIKA

Sabiex tirċievi notifika indirizzata lilek u taqra l-kontenut tagħha:

- Fil-menù "**Azzjonijiet**". 1
- Ikklikkja fuq "**Irċievi n-notifiki**". 2







- Il-parti ċentrali turik il-lista ta' notifiki indirizzati lilek.
- L-ordni li fiha l-lista tidher hija skont id-data li fiha kienet disponibbli fl-e-Curia, fejn in-notifiki l-iktar reċenti jiġu l-ewwel.
- F'din il-lista hemm ukoll l-istatus tan-notifiki kkonċernati. L-istatus tan-notifika jista' jkun, skont il-każ:
  - Għadha ma ngħatatx konferma ta' riċezzjoni;
  - Irċevut, b'indikazzjoni tal-isem tal-persuna li rċeviet in-notifika u d-data ta' riċezzjoni;
  - Riċezzjoni preżunta, b'indikazzjoni tad-data tar-riċezzjoni preżunta.
- Il-kolonna "**Nota**" tippermettilek tikkonsulta l-informazzjoni mdaħħla minnek jew minn assistent ieħor jew mir-rappreżentant destinatarju tal-istess notifika (ara iktar 'il quddiem il-punt 2 fil-paġna segwenti).




- Ikklikkja fuq l-ikona taħt "**Aċċedi għad-dokumenti**" sabiex tirċievi formalment in-notifika u tiftaħ l-iscreen b'iktar dettalji li fih tkun tista' tikkonsulta d-dokument li jkun ġie nnotifikat lilek.
- Id-dokument jitqies li jkun ġie nnotifikat meta tikklikkja għall-ewwel darba fuq l-ikona.

Ladarba ssir ir-riċezzjoni, jidher l-iscreen hawn taħt. F'dan l-iscreen, inti tista':

- 1 Tara informazzjoni fil-qosor dwar in-notifika (b'mod partikolari d-data ta' riċezzjoni).
- 2 Iddaħħal informazzjoni għall-finijiet tal-organizzazzjoni interna tiegħek. Dawn in-noti huma viżibbli mid-destinatarji l-oħra tal-istess notifika fl-iscreen "**Ikkonsulta l-lista tad-dokumenti rċevuti preċedentement**".
- L-atti jidhru fl-ordni segwenti: l-ewwel nett l-ittra mir-Reġistru u wara l-atti proċedurali, mqassma skont in-numru konsekuttiv tad-dokument.
- 3 Il-konsultazzjoni ta' verżjoni lingwistika hija possibbli billi tikklikkja fuq il-kodiċi ISO 639-1 tagħha. Il-kodiċi ta' kull lingwa hija hyperlink li jippermettilek tiftaħ fajl speċifiku.
- 4 Ladarba jintgħażlu l-fajls, tista' tikseb fajl ZIP li jkun fih il-fajls kollha billi tikklikkja fuq **Niżżel il-fajls magħżula**.



# 3 KONTIJIET TA' ASSISTENTI

## 3.1 ĠESTJONI TAL-KONTIJIET TA' ASSISTENTI

Rappreżentant jista' jirreġistra assistent wieħed jew iktar. Sabiex tirreġistra assistent:




- Fil-menù "**Menu ġenerali**". 1
- Ikklikkja fuq "**Organizza l-assistenti tiegħi**". 2




- Ikklikkja fuq "**Irreġistra assistent ġdid**". 3




- Segwi l-istruzzjonijiet li jidhru fuq l-iscreen.
- Ikklikkja fuq **Ikklikkja hawn biex titlob il-ħolqien ta' kont**. 4




- Indika b'mod komplet l-identità tal-assistent. 5

Ikklikkja fuq **Il-pass li jmiss**.




- Agħti d-dettalji personali tiegħu. 6
- Ikklikkja fuq **Il-pass li jmiss**.

- Daħħal l-informazzjoni supplimentari dwar dan l-assistent. (1)
- Ikklikkja fuq **Il-pass li jmiss** .







- Jekk l-assistent diġà għandu kont e-Curia, għandek tindika l-kodiċi ta' identifikazzjoni tiegħu. Wara li tikkonferma t-talba, tintbagħatlek bil-posta elettronika formola ta' talba għal aċċess diġà mimlija.
- Din għandha timtela, tiġi ddatata u ffirmata, u mbagħad tiġi ppreżentata fiżikament jew tibagħat lir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali b'mezz elettroniku jew bil-posta, flimkien mad-dokumenti ta' sostenn neċessarji. It-talba għandha tiġi ffirmata mir-rappreżentant u l-Kundizzjonijiet ta' użu għandhom jiġu ffirmati mill-assistent.
- Kull talba għal aċċess tiġi vverifikata mir-Reġistri. It-talba għal aċċess ma twassalx immedjatament għall-ftuħ ta' kont ta' aċċess; dan tal-aħħar jista' jieħu diversi ġranet. Jintbagħtu żewġ messaġġi elettroniċi separati lill-assistent sabiex jingħata l-kodiċi ta' identifikazzjoni tiegħu u password temporanja.
- Din il-password għandha tinbidel mal-ewwel konnessjoni fl-e-Curia. Jintbagħat ukoll messaġġ elettroniku lir-rappreżentant bħala konferma tar-reġistrazzjoni tal-assistent tiegħu.
- Ir-rappreżentant għandu jżomm il-lista tal-assistenti tiegħu aġġornata.
- Kull darba li jbiddel il-password tiegħu, l-applikazzjoni titolbu jikkonferma l-lista tal-assistenti li huwa jkun irreġistra.
- Jekk wieħed mill-assistenti tiegħu jibdel jew jieqaf milli jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu, ir-rappreżentant għandu jħassar tali assistent mil-lista **"L-assistenti tiegħi"** (2) . Sabiex jagħmel dan, huwa għandu jikklikkja fuq is-simbolu ☒ korrispondenti fl-iscreen li jidher hawn taħt. (3)



## 3.2 Funzjonalitajiet tal-kontijiet ta' assistenti

### 3.2.1 Preparazzjoni ta' preżentata

L-assistent jista' jipprepara preżentata għal rappreżentant (ara "**Preparazzjoni ta' preżentata minn assistent**" paġna 12).

### 3.2.2 Konsultazzjoni tal-lista tad-dokumenti ppreżentati preċedentement

L-assistent għandu aċċess sħiħ għal-lista ta' dokumenti ppreżentati li huwa jkun ipprepara, effettwati preċedentement mir-rappreżentant li rreġistra dak l-assistent.

(ara "**Ikkonsulta l-lista tad-dokumenti ppreżentati preċedentement**" paġna 21).

### 3.2.3 Riċezzjoni ta' notifiki

L-assistent għandu aċċess għal kull notifika indirizzata lir-rappreżentant li rreġistra dak l-assistent. Jintbagħtulu wkoll il-messaġġi elettroniċi intiżi li wieħed jiġi informat b'notifika ġdida.

L-assistent jista' jirċievi formalment in-notifika f'isem ir-rappreżentant destinatarju. Id-dokument huwa preżunt irċevut mill-mument ta' din ir-riċezzjoni.

### 3.2.4 Konsultazzjoni tal-lista tad-dokumenti rċevuti preċedentement

L-assistent għandu aċċess għal-lista tan-notifiki indirizzati lir-rappreżentant li huwa jkun irreġistra. In-notifiki sussegwenti għad-dikjarazzjoni tal-assistent mir-rappreżentant biss ikunu aċċessibbli għalih.

(ara "**Ikkonsulta l-lista tad-dokumenti rċevuti preċedentement**" paġna 23).

# 4 FUNZJONALITAJIET SUPPLIMENTARI

## 4.1 KONSULTAZZJONI TAL-LISTA TAD-DOKUMENTI PPREŻENTATI PREĊEDENTEMENT

Sabiex tara l-lista tad-dokumenti ppreżentati preċedentement minnek:

- Fil-menù “**Azzjonijiet**”. 1
- Ikklikkja fuq il-link “**Ikkonsulta l-lista tad-dokumenti ppreżentati preċedentement**”. 2




- Agħżel il-perijodu mixtieq (data ta’ bidu u data ta’ tmiem) u/jew in-numru tal-kawża li jingħata waqt il-preżentata tal-att, u wara kklikkja fuq il-buttuna **Fittex** sabiex tibda t-tfittxija. 3




- Twissija: It-tfittxija bin-numru tal-kawża ssir biss fuq il-bażi tal-informazzjoni mdaħħla mill-utent waqt il-preżentata.
- Id-dokumenti ppreżentati li ma jingħataw ebda numru tal-kawża ma jittieħdux inkunsiderazzjoni minn din it-tfittxija (pereżempju l-preżentata ta’ Rikors jew ta’ Appell).
- Jintwerew biss id-dokumenti ppreżentati li għalihom inti indikajt numru tal-kawża.

- B’dan il-mod, il-parti ċentrali turi l-lista tad-dokumenti ppreżentati minnek għal dak li jirrigwarda l-kawżi pendenti. 4
- Ikklikkja fuq l-ikona taħt “**Dettalji**” sabiex tikkonsulta l-preżentata. 5



Fl-iscreen tad-dettalji, għandek il-possibbiltà tara:

- Ir-referenza tal-preżentata. (1)
- Id-data u l-ħin tal-preżentata.
- In-numru tal-kawża (li jingħata waqt il-preżentata ta' att li jikkonċerna kawża pendenti).
- It-tip ta' att.
- Il-parti li f'isimha l-att ikun ġie ppreżentat jekk din l-informazzjoni tingħata waqt il-preżentata.
- Il-lingwa tal-att.
- Il-konferma tal-preżentata. (2)
- Id-dettalji dwar il-fajls li jifformaw id-dokument (it-tip, in-numru ta' paġni, id-daqs, is-sensiela unika ta' karattri (hash)). (3)
- Il-fajls ippreżentati. (4)



Paġna prinċipali > Ikkonsulta l-lista tad-dokumenti ppreżentati preċedentement > 26/10/2018 11:17 - Risposta - T-123/11

(1)

| | |
|---|---|
| Referenza tal-preżentata | : [illegible] |
| Data tal-preżentata | : [illegible] |
| Numru tal-kawża | : [illegible] |
| Tip ta' att | : Risposta |
| Parti li f'isimha l-att ġie ppreżentat | : [illegible] |
| Lingwa tal-att | : Il-Malti (mt) |

Ara l-konferma tal-preżentata (2)

Fajl(s)

(3) (4)

| Deskrizzjoni | Daqs (KB) | Numru ta' paġni | Hash (SHA-512) | Ikkonsulta |
|---|---|---|---|---|
| Risposta | 88420 | 52 | bf4bb37b[illegible]73343bd f2be4da2[illegible]a30ff50 ca78d951[illegible]2489496 3f7a0e9f[illegible]e96409d | |
| Risposta - Anness(i) | 88420 | 3 | 7124a85b[illegible]cf3ac2b 1ece3d62[illegible]a1a2b49 e75b4170[illegible]6ba3120 78ab5fa3[illegible]cd1840f3 | |
| Risposta - Anness(i) | 88420 | 6 | db52afdb[illegible]9997b6c 1598efc1[illegible]1e1010b e930b17b[illegible]3e0b5a1 57cfae7b[illegible]cc0955e | |

## 4.2 KONSULTAZZJONI TAL-LISTA TAD-DOKUMENTI RĊEVUTI PREĊEDENTEMENT

Sabiex tikkonsulta l-lista tad-dokumenti rċevuti preċedentement:

- Fil-menù "**Azzjonijiet**". 1
- Ikklikkja fuq il-link "**Ikkonsulta l-lista tad-dokumenti rċevuti preċedentement**". 2




- Daħħal kriterju wieħed jew iktar ta' tfittxija. 3
- Ikklikkja fuq il-buttuna Fittex sabiex tibda t-tfittxija.




- L-iscreen juri, għal kull kawża, il-lista tad-dokumenti rċevuti. 4
- Ikkonsulta notifika billi tikklikkja fuq l-ikona l-ħadra. Jekk att huwa disponibbli f'diversi verżjonijiet lingwistiċi, ikklikkja fuq il-lingwa mixtieqa qabel ma tikklikkja fuq il-buttuna sabiex tara d-dokument.




- Il-kolonna "**Nota**" tippermettilek tara n-noti mdaħħla għall-finijiet ta' organizzazzjoni interna waqt ir-riċezzjoni tan-notifika (ara "**Riċezzjoni ta' notifika**" paġna 16). Dawn in-noti jistgħu jiġu emendati wkoll minn dan l-iscreen. 5

## 4.3 BDIL TAL-PASSWORD

Sabiex tibdel il-password ta' aċċess għall-e-Curia:

- Fil-menù "**Menu ġenerali**". 1
- Ikklikkja fuq il-link "**Ibdel il-password**". 2




- Daħħal il-password attwali kif ukoll il-password il-ġdida (darbtejn). 3
- Il-password għandha jkollha bejn 8 u 16-il karattru u għandha tkun komposta minn ittri kapitali, ittri żgħar u ċifri.
- L-applikazzjoni tindikalek meta l-password tissodisfa r-rekwiżiti ta' sigurtà mitluba.
- Daħħal it-tweġiba għall-mistoqsija personali li kont daħħalt fl-ewwel konnessjoni tiegħek. 4
- Huwa wkoll possibbli li temenda l-mistoqsija personali kif ukoll it-tweġiba. Din l-informazzjoni tintuża sabiex tiġi kkonfermata l-identità tiegħek fil-każ li tinsa l-password.




- Il-lista tal-assistenti tiegħek għandha tiġi vverifikata kull darba li tinbidel il-password.
- Ikklikkja fuq il-buttuna "**Ħassar**" ☒ sabiex tħassar kontijiet li ma għadhomx jintużaw. 5

- Ikklikkja fuq il-buttuna **Ivvalida** sabiex tikkonferma t-tibdiliet jew fuq **Ikkanċella** sabiex tmur lura għall-paġna prinċipali mingħajr ma tibdel il-password.

## 4.4 BIDLA TAD-DETTALJI PERSONALI TIEGĦI

Sabiex tibdel l-indirizz tal-posta elettronika tiegħek jew il-lingwa li biha tixtieq tirċievi l-messaġġi elettroniċi:

- Fil-menù “**Menu ġenerali**”. 1
- Ikklikkja fuq
  “**Ibdel id-dettalji personali tiegħi**”. 2




- Ibdel l-informazzjoni mixtieqa.
- Għandek b’mod partikolari l-possibbiltà li tindika sa żewġ indirizzi tal-posta elettronika supplimentari, li fuqhom jintbagħtu l-messaġġi elettroniċi indirizzati lilek (ħlief fil-każ ta’ riċezzjoni ta’ messaġġ għall-irrisettjar tal-password, li jintbagħat biss fuq l-indirizz prinċipali tiegħek).




- Ikklikkja fuq il-buttuna **Ivvalida** sabiex tikkonferma t-tibdiliet jew fuq **Ikkanċella** sabiex tmur lura għall-paġna prinċipali mingħajr ma tibdel id-dettalji personali.

> - Fil-każ li tibdel l-indirizz tal-posta elettronika ta’ kuntatt, jintbagħat messaġġ elettroniku fuq dan l-indirizz il-ġdid, b’link li jippermettilek tivvalida tali indirizz.
> - Il-bidla ssir effettiva biss mill-validazzjoni minnek.

# 4.5 FAJL XML GĦALL-ALIMENTAZZJONI TA' SISTEMI TERZI

- Fl-iscreen ta' konsultazzjoni ta' notifika, għandek il-possibbiltà li tniżżel f'format ZIP il-fajls kollha magħżula permezz tal-buttuna "**Niżżel il-fajls magħżula**". 1




- Il-fajl ZIP jinkludi żewġ fajls (*summary*.xml u *summary*.xsd) għall-finijiet ta' użu eventwali minn sistema informatika. 2




- Il-fajl XSD (*summary*.xsd) jiddefinixxi l-elementi u l-attributi tal-fajl XML (*summary*.xml) u jista' jintuża għall-validazzjoni tal-istruttura ta' dan tal-aħħar.
- Il-fajl XML (*summary*.xml) fih il-metadata relatata mar-riċezzjoni tan-notifika u mad-destinatarji kif ukoll ir-referenzi tad-dokumenti mehmuża. Dan il-fajl jista' jintuża, jekk ikun il-każ, minn sistema informatika li l-utent jista' jagħżel li jimplimenta, jekk iqis li dan ikun utli.

Formation et
Développements